MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Numru 46/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Alfred Bugeja**

(Att ta' Akkuza 46/2009)

Illum, 27 ta' April 2010

**Il-Qorti:**

Rat l-Att ta' l-Akkuza, datat 23 ta' Novembru 2009, migjub mill-Avukat Generali kontra Alfred Bugeja (bin Costantino u Helen nee Vidal, imwieled il-Pieta` fit-3 ta' Dicembru 1957, detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 828557M) li permezz tieghu l-imsemmi Alfred Bugeja gie akkuzat (**1**) fl-ewwel kap b'serq ta' vettura, flus u oggetti li jiswew aktar minn mitt lira, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, vjolenza numerika, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa

(vettura f'post pubbliku), kif ukoll li huwa recidiv f'delitt; (**2**) u fit-tieni kap gie akkuzat talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar u munizzjon, kif ukoll li huwa recidiv f'delitt;

Rat il-verdett tal-gurati li bih, b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lill-istess Alfred Bugeja hati ta' serq ta' vettura u oggetti li jiswew aktar minn elf lira (Lm1,000) (illum €2329.37), kwalifikat dan is-serq ukoll bil-vjolenza numerika u bix-xorta tal-haga misruqa (vettura f'post pubbliku), u ghalhekk minghajr il-kwalifika tal-mezz, u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza; bl-istess verdett il-gurati sabu lill-imsemmi Alfred Bugeja, b'seba' voti favur u tnejn (2) kontra, hati skond it-tieni kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza; u b'verdett addizjonali (wara li l-imsemmi Bugeja ddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-addebitu tar-recidiva), l-istess gurati sabuh hati bl-istess vot hawn fuq imsemmi (seba' favur u tnejn kontra) li huwa recidiv f'delitt u recidiv f'delitt ta' serq kif indikat kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza;

Semghet lill-Avukat Dott. Malcolm Mifsud ghall-hati u lill-Avukat Dott. Jason Grima ghall-Avukat Generali dwar il-piena; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali aggornata tal-istess Alfred Bugeja – fedina penali ta' xejn anqas minn disgha u erbghin (49) faccata, kontenenti tnejn u hamsin (52) kundanna – inkluzi kundanni ghal serq; tosserva a propositu tal-piena li ghall-ewwel kap, u kif misjub hati mill-gurati, il-piena hi ta' prigunerija minn minimu ta' sentejn sa massimu ta' ghoxrin sena, filwaqt li l-piena ghat-tieni kap hija ta' prigunerija minn minimu ta' hames xhur sa massimu ta' tlett snin;

Rat l-Artikoli 261(a)(c)(g), 262(1)(b), 267, 271(g), 276, 279(b), 280(2), 289(1), 17(b), 50, 31(1)(b) tal-Kap. 9, u l-Artikolu 3(1A) tal-Kap 66 (illum revokat pero` li kien fis-sehh fid-data tal-kommissjoni tar-reat migjub fit-tieni kap tal-Att tal-Akkuza); tosserva li dwar l-ispejjez peritali (riferibbilment ghar-relazzjoni tal-Brigadier Maurice Calleja) dawn gew kollha addebitati lil dawk li kienu

originarjament ko-akkuzati, cioe` lil Malcolm Mifsud u Luke Farrugia (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Ottubru 2009);

Tikkundanna lil Alfred Bugeja ghall-piena ta' seba' (7) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------